Sejħa għal turija ta' interess EACEA/07 biex tiġi stabbilita lista ta' esperti inkarigati li jassistu lill-Aġenzija Eżekuttiva [1] "Edukazzjoni, awdjoviżiv u kultura" fl-ambitu tal-ġestjoni tal-programmi Komunitarji fil-qasam ta' l-edukazzjoni, l-awdjoviżiv, il-kultura, iż-żgħażagħ u ċ-ċittadinanza

(2008/C 67/09)

1. Introduzzjoni

Fit-8 ta' Frar 2007, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2007/114/KE. Din id-Deċiżjoni emendat id-Deċiżjoni 2005/56/KE li tistabbilixxi l- Aġenzija Eżekuttiva Edukattiva, Awdjoviżiva u Kulturali għat-tmexxija ta' l-azzjoni Komunitarja fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura (minn hawn iżjed 'il quddiem "l-Aġenzija"), u tawlet it-terminu ta' żmien ta' l-Aġenzija sa l-2015.

L-Aġenzija għandha identità ġuridika personali tagħha u s-sede tagħha tinsab fi Brussell. Hija għandha l-għan li timplimenta, taħt il-kontroll tal-Kummissjoni, ċertu numru ta' taqsimiet li għandhom x'jaqsmu ma' aktar minn 15-il programm u azzjoni finanzjati mill-fondi Komunitarji, fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ, taċ-ċittadinanza attiva, taż-żgħażagħ, ta' l-awdjoviżiv u tal-kultura, kif ukoll in-netwerk ta' informazzjoni dwar l-edukazzjoni fl-Ewropa, Eurydice. L-Aġenzija hija responsabbli mill-aspetti prinċipali tat-taqsimiet tal-programmi li ġew iddelegati lilha, b'mod partikolari t-tfassil ta' sejħiet għal proposti, l-għażla ta' proġetti u l-iffirmar ta' konvenzjonijiet ta' sussidju, il-ġestjoni finanzjarja, is-segwitu tal-proġetti (rapporti intermedji u rapporti finali), il-komunikazzjoni mal-benefiċjarji u l-kontrolli fuq il-post.

Din is-sejħa għal turija ta' interess hija amministrata mill-Aġenzija Eżekuttiva, f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea. L-esperti magħżula fl-ambitu ta' din is-sejħa jistgħu wkoll jissejħu sabiex jassistu lid-Direttorati Ġenerali ta' referenza ta' l-Aġenzija (DĠ EAC, INFSO, AIDCO), fl-ambitu ta' l-attivitajiet tagħhom (koordinament ġenerali tal-politiki u tal-programmi, komunikazzjonijiet, ġestjoni tat-taqsimiet mhux iddelegati lill-Aġenzija).

Qieghed jiġi mfakkar li l-lista stabbilita fuq il-bażi ta' din is-sejħa għal turija ta' interess ma timplikax li l-Aġenzija jew il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tati kuntratt ta' servizz lill-kandidati magħżula.

2. Għan tas-sejħa

L-Aġenzija nediet sejħa għal turija ta' interess sabiex tilqa' applikazzjonijiet biex tistabbilixxi lista ta' esperti li jkunu responsabbli sabiex jassistu fl-eżekuzzjoni tal-kompiti li ġejjin:

(a) Evalwazzjoni tal-proposti rċevuti fl-ambitu tas-sejħiet għal proposti

(b) Evalwazzjoni u segwitu tal-proġetti:

— evalwazzjoni tar-rapporti tal-proġetti,

— evalwazzjoni tal-prodotti u tar-riżultati tal-proġetti,

— monitoraġġ ta' proġetti u żjarat fuq il-post,

— kull kompitu ieħor ta' analiżi u/jew ta' segwitu tal-programmi u tal-proġetti.

(c) Studji u analiżijiet speċifiċi marbuta ma' l-oqsma ta' l-attivitajiet

Id-dmir ta' l-esperti huwa dak li jassistu lill-Aġenzija, jew jekk ikun meħtieġ, lill-Kummissjoni, fil-qadi tal-kompiti msemmija fuq, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-għanijiet tal-programmi, mal-prijoritajiet u mal-kriterji definiti fis-sejħiet għal proposti, kif ukoll fil-gwidi u manwali mpoġġija għad-dispożizzjoni tal-kandidati.

[1] u l-Direttorati Ġenerali ta' referenza.

3. **Programmi kkonċernati**

3.1. *Edukazzjoni u taħriġ professjonali*

3.1.1. Il-Programm ta' azzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ tul il-ħajja kollha [1]

inkluži n-netwerks ta' informazzjoni dwar l-edukazzjoni fl-Ewropa (Eurydice)

http://ec.europa.eu/education/programmes/llp/index_en.html

http://www.eurydice.org/portal/page/portal/Eurydice

http://eacea.ec.europa.eu/static/en/llp/index_en.htm

3.1.2. Il-Programm Erasmus Mundus [2]

inkluż il-programm il-ġdid li għandu jiġi adottat fl-2009.

http://europa.eu.int/comm/education/programmes/mundus/index_fr.html

3.1.3. L-Erasmus Mundus External Co-operation Window (EM ECW) [3]

http://eacea.ec.europa.eu/extcoop/call/documents/ecw_leaflet.pdf

http://eacea.ec.europa.eu/extcoop/call/index.htm

3.1.4. Ftehim speċifiku ma' l-Istati Uniti [4]

http://ec.europa.eu/education/programmes/eu-usa/call_en.html

http://eacea.ec.europa.eu/extcoop/usa/index_en.htm

3.1.5. Ftehim speċifiku mal-Kanada [5]

http://ec.europa.eu/education/programmes/eu-canada/index_en.html

http://eacea.ec.europa.eu/extcoop/canada/index_en.htm

3.1.6. Il-Programm Tempus [6]

Il-lista ta' esperti magħżulin għal dan il-programm sejra tintuża mis-servizzi tal-Kummissjoni kif ukoll mill-Aġenzija soġġett li l-mandat ta' l-Aġenzija jiġi estiż.

http://ec.europa.eu/education/programmes/tempus/index_en.html

3.1.7. Il-programm ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi industrijalizzati ICI (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 [7].

---

[1] ĠU L 327, 24.11.2006, p. 45.

[2] ĠU L 345, 31.12.2003, p. 1

[3] Regolament (KE, EURATOM) Nru 99/2000 tal-Kunsill tal- 29 ta' Diċembru 1999 dwar l-għoti ta' għajnuna lill-Istati li huma ġejjin mill-Ewropa tal-Lvant u mill-Asja ċentrali ĠU L 12, 18.1.2000, p. 1. Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1. Regolament (2006 D KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni u żvilupp ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41

[4] Deċiżjoni 2006/910/KE tal-Kunsill ta' l-4 ta' Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika li jġedded il-programm ta' kooperazzjoni fil-qasam tat-tagħlim superjuri u tat-tagħlim u tat-taħriġ professjonali ĠU L 346, 9.12.2006, p. 33.

[5] Deċiżjoni 2006/964/KE tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni ta' ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada li tistabbilixxi qafas ta' kooperazzjoni fil-qasam tat-tagħlim superjuri, tat-taħriġ u taż-żgħażagħ ĠU L 397, 30.12.2006, p. 14.

[6] ĠU L 120, 8.5.1999, p. 30. Deċiżjoni emendata bid-Deċiżjoni 2000/460/KE (ĠU L 183, 22.7.2000, p. 16) u bid-Deċiżjoni 2002/601/KE (ĠU L 195, 24.7.2002, p. 34). Regolament (KE) Nru 1085/2006 tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2006 li tistabbilixxi strument ta' għajnuna ta' qabel l-adeżjoni (IAP) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82. Regolament (KE) Nru 1638/2006 , Regolament (KE) Nru 1905/2006.

[7] ĠU L 405, 30.12.2006, p. 37

3.2. *Kultura*

3.2.1. Il-Programm Kultura ([1])

http://ec.europa.eu/culture/eac/index_en.html

http://eacea.ec.europa.eu/culture/index_en.htm

3.3. *Żgħażagħ*

3.3.1. Il-Programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" ([2])

http://ec.europa.eu/youth/yia/index_en.html

http://eacea.ec.europa.eu/youth/index_en.htm

3.4. *Ċittadinanza*

3.4.1. Il-Programm "Ewropa għaċ-Ċittadini" 2007-2013 ([3])

http://ec.europa.eu/citizenship/index_fr.html

http://eacea.ec.europa.eu/citizenship/index_en.htm

3.5. *Awdjoviżiv*

3.5.1. Il-Programm "MEDIA 2007" ([4])

http://ec.europa.eu/information_society/media/overview/2007/index_en.htm

http://eacea.ec.europa.eu/media/index_en.htm

3.6. *Programmi li waslu biex jintemmu*

Il-kompiti msemmija fil-punt 2, u, b'mod partikolari l-kompiti ta' l-evalwazzjoni u l-segwitu tal-proġetti, jista' jkollhom x'jaqsmu wkoll mal-programmi l-qodma li jkunu waslu biex jintemmu, jiġifieri:

(a) it-tieni fażi tal-programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam ta' l-edukazzjoni "Socrates", approvat bid-Deċiżjoni Nru 253/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]);

(b) it-tieni fażi tal-programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tat-taħriġ professjonali "Leonardo da Vinci", approvat bid-Deċiżjoni 1999/382/KE tal-Kunsill ([6]);

(c) il-Programm ta' azzjoni Komunitarja "Żgħażagħ", approvat bid-Deċiżjoni 1031/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]);

(d) il-Programm "Kultura 2000", approvat bid-Deċiżjoni 508/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]);

(e) il-Programm ta' tħeġġiġ ta' l-iżvilupp ta' mezzi awdjoviżivi Ewropej (MEDIA Plus — Żvilupp, Distribuzzjoni u Promozzjoni) (2001-2005), approvat bid-Deċiżjoni 2000/821/KE tal-Kunsill ([9]);

([1]) Deċiżjoni Nru 1903/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-programm "Kultura" ĠU L 378, 27.12.2006, p. 22 (2007-2013).

([2]) Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi l-programm "Iż-Żgħażagħ fl-Azzjoni" għall-perjodu 2007-2013 ĠU L 327, 24.11.2006, p. 30

([3]) Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi, għall-perjodu 2007-2013, il-programm "Ewropa għaċ-Ċittadini" li għandu l-għan li jippromwovi ċittadinanza Ewropea attiva ĠU L 378, 27.12.2006, p. 32

([4]) Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007) ĠU L 327, 24.11.2006, p. 12

([5]) ĠU L 28, 3.2.2000, p. 1. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 885/2004 tal-Kunsill (ĠU L 168, 1.5.2004, p. 1).

([6]) ĠU L 146, 11.6.1999, p. 33. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

([7]) ĠU L 117, 18.5.2000, p. 1. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 885/2004.

([8]) ĠU L 63, 10.3.2000, p. 1. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 885/2004.

([9]) ĠU L 336, 30.12.2000, p. 82. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 885/2004.

(f) il-Programm ta' formazzjoni għall-professjonisti ta' l-industrija Ewropea tal-programmi awdjoviżivi (MEDIA-formazzjoni) (2001-2005), approvat bid-Deċiżjoni Nru 163/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; ([1])

(g) il-Programm multiannwali (2004-2006) għall-integrazzjoni effikaċi ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (TIC) fis-sistemi ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ fl-Ewropa ("tgħallem *online*") (Deċiżjoni 2318/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]));

(h) il-Programm ta' azzjoni Komunitarja għall-promozzjoni ta' ċittadinanza Ewropea attiva (parteċipazzjoni ċivika) (Deċiżjoni 2004/100/KE tal-Kunsill ([3]));

(i) il-Programm ta' azzjoni Komunitarja għall-promozzjoni ta' organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam taż-żgħażagħ (Deċiżjoni 790/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]));

(j) il-Programm ta' azzjoni Komunitarja għall-promozzjoni ta' organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew u s-sostenn ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ (Deċiżjoni 791/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]));

(k) il-Programm ta' azzjoni Komunitarja għall-promozzjoni ta' organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam tal-kultura (Deċiżjoni 792/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]));

(l) il-proġetti fil-qasam tat-tagħlim superjuri li jistgħu jiġu ffinanzjati bid-dispożizzjonijiet relatati ma' l-għajnuna għall-kooperazzjoni ekonomika mal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fl-Asja (Regolament (KEE) Nru 443/92 tal-Kunsill ([7]));

(m) it-tielet fażi tal-programm ta' kooperazzjoni universitarja Tempus (2000-2006);

Il-bażi ġuridika tal-programmi kif ukoll l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni huma aċċessibbli mis-sit:

http://eacea.cec.eu.int/static/index.htm

Din il-lista ta' esperti hija stabbilita prinċipalment bil-għan li tgħin fil-ġestjoni tal-programmi msemmija hawn fuq, madankollu, tista' sservi wkoll għal azzjonijiet oħra fl-oqsma konċernati.

4. Proċedura ta' għażla

L-esperti huma magħżulin fuq il-bażi tal-kapaċità professjonali u teknika tagħhom biex iwettqu l-kompiti li hemm referenza għalihom fl-applikazzjoni

4.1. *Applikazzjoni*

Il-kandidati huma mitlubin jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom permezz ta' formola b'mod konformi ma' l-istruzzjonijiet disponibbli fuq is-sit ta' l-internet ta' l-Aġenzija.

Permezz tal-formola ta' l-applikazzjoni, il-kandidati għandhom jipprovdu l-prova li huma għandhom il-kompetenzi u l-esperjenza professjonali meħtieġa fir-rigward ta' l-għanijiet tal-programm(i) li għalih(om) huma qegħdin japplikaw. Il-formola ta' l-applikazzjoni *online*, il-data ta' għeluq tas-sejħa, kif ukoll il-mod kif għandhom jiġu ppreżentati l-applikazzjonijiet huma disponibbli fl-indirizz li ġej:

http://eacea.ec.europa.eu/index.htm

([1]) ĠU L 26, 27.1.2001, p. 1. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 885/2004.
([2]) ĠU L 345, 31.12.2003, p. 9.
([3]) ĠU L 30, 4.2.2004, p. 6.
([4]) ĠU L 138, 30.4.2004, p. 24.
([5]) ĠU L 138, 30.4.2004, p. 31.
([6]) ĠU L 138, 30.4.2004, p. 40.
([7]) ĠU L 52, 27.2.1992, p. 1.

4.2. *Kriterji ta' eleġibbiltà*

4.2.1. Kriterju komuni għall-programmi kollha

Il-kandidati għandu jkollhom esperjenza professjonali ta' mill-inqas 3 snin fir-rigward tal-programm li għalih huma qegħdin jitfgħu l-applikazzjoni tagħhom.

4.2.2. Kriterji speċifiċi għall-programmi

Ġeneralment, sikwit is-sejħa hija miftuħa għall-persuni fiżiċi li huma ċittadini tal-pajjiżi li jipparteċipaw fil-programmi, dan jimplika dawn il-kriterji speċifiċi li ġejjin għall-programmi differenti:

4.2.2.1. Programm ta' azzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ tul il-ħajja (LLP), inkluż in-netwerk ta' informazzjoni Eurydice

Bl-eċċezzjoni tal-programm Jean Monnet, is-sejħa hija miftuħa esklussivament għal persuni fiżiċi li huma ċittadini ta':

— l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea;

— il-pajjiżi ta' l-EFTA li huma membri ta' l-ŻEE, konformement mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim dwar iż-ŻEE;

— il-pajjiżi kandidati li jibbenefikaw minn strateġija ta' qabel l-adeżjoni;

— il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, sakemm ikun jeżisti ftehim ta' qafas li jistabbilixxi l-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi Komunitarji;

— l-Iżvizzera sakemm il-ftehim bilaterali ma' dan il-pajjiż ikun ġie konkluż.

Għall-Programm Jean Monnet, is-sejħa hija miftuħa għal persuni fiżiċi mingħajr restrizzjoni ta' nazzjonalità

4.2.2.2. Il-programmi Erasmus Mundus u Erasmus Mundus External Co-operation Window (EM ECW)

Is-sejħa hija miftuħa għal persuni fiżiċi mingħajr restrizzjoni ta' nazzjonalità.

4.2.2.3. Ftehim ta' qafas speċifiku ma' l-Istati Uniti u mal-Kanada

Is-sejħa hija miftuħa għal persuni fiżiċi, ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, u, rispettivament, ta' l-Istati Uniti u tal-Kanada

4.2.2.4. Il-Programm Tempus

Is-sejħa hija miftuħa għal persuni fiżiċi, ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll għal ċittadini ta' pajjiżi msieħba (Balkani tal-Punent, Ewropa tal-Lvant, in-Nofsinhar tal-Mediterran u l-Asja Ċentrali) fejn il-lista tista' tiġi kkonsultata minn

http://ec.europa.eu/education/programmes/tempus/index_en.html

4.2.2.5. Il-Programm Kultura (2007-2013)

Is-sejħa hija miftuħa għal persuni fiżiċi ċittadini ta':

— ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea;

— il-pajjiżi ta' l-EFTA li huma membri ta' l-ŻEE, konformement mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim dwar iż-ŻEE;

— l-pajjiżi kandidati li jibbenefikaw minn strateġija ta' qabel l-adeżjoni;

— l-pajjiżi tal-Balkani tal-punent, sakemm ikun jeżisti ftehim ta' qafas li jistabbilixxi l-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi Komunitarji;

4.2.2.6. Il-Programm "Jeunesse en Action"

Is-sejħa hija miftuħa għal persuni fiżiċi ċittadini ta':

— l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea;

— il-pajjiżi ta' l-EFTA li huma membri ta' l-ŻEE, konformement mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim dwar iż-ŻEE;

— l-pajjiżi kandidati li jibbenefikaw minn strateġija ta' qabel l-adeżjoni;

— l-pajjiżi tal-Balkani tal-punent, sakemm ikun jeżisti ftehim ta' qafas li jistabbilixxi l-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi Komunitarji;

— l-Iżvizzera sakemm il-ftehim bilaterali ma' dan il-pajjiż ikun ġie konkluż.

4.2.2.7. Il-Programm "Ewropa għaċ-Ċittadini" 2007-2013

Is-sejħa hija miftuħa għal persuni fiżiċi ċittadini ta':

— l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea;

— il-pajjiżi ta' l-EFTA li huma membri ta' l-ŻEE, konformement mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim dwar iż-ŻEE;

— l-pajjiżi kandidati li jibbenefikaw minn strateġija ta' qabel l-adeżjoni;

— l-pajjiżi tal-Balkani tal-punent, sakemm ikun jeżisti ftehim ta' qafas li jistabbilixxi l-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi Komunitarji;

4.2.2.8. Il-Programm "MEDIA 2007"

Is-sejħa hija miftuħa għal persuni fiżiċi ċittadini ta':

— ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea;

— il-pajjiżi ta' l-EFTA li huma membri ta' l-ŻEE, konformement mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim dwar iż-ŻEE;

— l-pajjiżi kandidati li jibbenefikaw minn strateġija ta' qabel l-adeżjoni;

— l-pajjiżi tal-Balkani tal-punent, sakemm ikun jeżisti ftehim ta' qafas li jistabbilixxi l-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi Komunitarji;

— l-Iżvizzera.

4.3. *Kriterji ta' għażla*

L-esperti sejrin jintgħażlu fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin:

— kompetenza pprovata fl-oqsma li għandhom x'jaqsmu ma' programmi elenkati fil-punt 3;

— il-kapaċità li jaħdmu bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż, il-kapaċità li jfassli testi bl-Ingliż jew bil-Franċiż; l-esperti magħżula sejrin jiġu mistiedna jifformulaw l-evalwazzjonijiet tagħhom bl-Ingliż jew bil-Franċiż;

— kapaċitajiet bażiċi fl-użu ta' softwer kurrenti u esperjenza biżżejjed fl-użu tal-kompjuters individwali, li permezz tagħhom ikun jista' jkollhom aċċess għas-sit(i) ta' evalwazzjoni, iniżżlu mill-internet il-proposti u l-formoli ta' l-evalwazzjoni, li jiktbu, jissevjaw u jibagħtu *online* l-evalwazzjonijiet tagħhom fir-rigward tal-proposti, rapporti, prodotti u/jew riżultati tal-proġetti;

Esperjenza fil-qasam tal-ġestjoni tal-proġetti transnazzjonali, ta' l-evalwazzjoni ta' programmi u/jew ta' proġetti, ta' l-għarfien ta' lingwi differenti minn dawk imsemmija hawn fuq, kif ukoll il-kompetenzi li jippermettu li ssir analiżi finanzjarja u baġitarja tal-proposti sejrin jitqiesu bħala vantaġġi supplimentari.

Kull applikazzjoni sejra tiġi eżaminata skond il-kriterji msemmija fil-punt 4.3 ta' din is-sejħa għal applikazzjonijiet. L-Aġenzija sejra tinforma lill-kandidati bl-inklużjoni tagħhom fil-lista ta' l-esperti potenzjali jew tar-rifjut ta' l-applikazzjoni tagħhom.

Din il-lista tista' tintuża biex jiġu stabbiliti ta' bords ta' esperti u/jew għall-għażla ta' esperti għall-qadi tal-kompiti speċifiċi. Hija tiswa għal kemm idumu applikabbli l-programmi msemmija hawn fuq (31.12.2013) u, jekk ikun meħtieġ, jistgħu jintużaw ukoll matul il-perjodu ta' għeluq tal-proġetti magħżula fl-ambitu ta' dawn il-programmi.

5. **Konvokazzjoni ta' esperti**

L-Aġenzija, jew, jekk ikun il-każ, il-Kummissjoni, sejra tara li l-bords ta' esperti jkunu msawrin b'mod ekwilibrat u sejra tiżgura li jkun hemm rotazzjoni xierqa ta' l-esperti. Hija se tqis ukoll l-oriġini ġeografika, l-kapaċitajiet lingwistiċi u l-profil professjonali tal-kandidati. Filwaqt li jiġi rispettat il-prinċipju ta' l-ġażla ta' esperti l-aktar kwalifikati, l-Aġenzija jew, jekk ikun il-każ, il-Kummissjoni, sejra tfittex ukoll parteċipazzjoni ekwilibrata ta' nisa u rġiel.

Skond il-ħtiġijiet, il-kompiti jistgħu jitwettqu fil-bini ta' l-Aġenzija, tal-Kummissjoni jew 'l bogħod minn dan il-bini permezz ta' strumenti elettroniċi tal-komunikazzjoni.

Il-kuntratti ta' servizz jistgħu jiġu ffirmati kemm mill-esperti, jew, fil-każ li dawn ikunu impjegati ma' entità ġuridika, minn rappreżentant awtorizzat minnhom. Ir-remunerazzjonijiet ta' l-esperti magħżula sejrin jiġu stabbiliti fuq il-bażi ta' skala applikabbli fil-mument meta jiġi ffirmat il-kuntratt. L-ispejjeż tal-vjaġġi tagħhom u ta' l-akkomodazzjoni sejrin jiġu rimborsati fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fi ħdan il-Kummissjoni.

Il-mudell tal-kuntratt li jinkludi l-ammont tar-remunerazzjoni kif ukoll il-mezzi ta' rimbors ta' l-ispejjeż ta' l-akkomodazzjoni u tal-vjaġġi, huwa disponibbli minn fuq is-sit ta' l-internet ta' l-Aġenzija.

6. **Kunflitt ta' interess**

Bil-għan li tiġi żgurata l-indipendenza ta' l-esperti fl-eżekuzzjoni tal-kompiti li jkunu fdati lilhom, dawn għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni li fiha huma jiċċertifikaw li ma jeżisti ebda kunflitt ta' interess bejn l-attivitajiet, il-proposti, ir-rapporti, id-*dossiers*, il-prodotti u/jew ir-riżultati li sejrin jiġu fdati lilhom u l-funzjonijiet preċedenti, preżenti u futuri tagħhom.

Min-naħa tagħhom, huma ma jistgħux ikunu involuti personalment fl-attivitajiet, fil-proposti jew fil-proġetti li jirreferu għalihom il-kompiti li ġew fdati lilhom. Għal dan il-għan, il-kandidati huma mistiedna jindikaw il-parteċipazzjoni eventwali tagħhom fil-programm(i) li għalih(om) huma bagħtu l-applikazzjoni tagħhom. L-esperti magħżulin sejrin jintalbu jikkonfermaw din l-informazzjoni qabel ma jiġu mistiedna jipparteċipaw għall-provi kollha ta' l-ġażla jew ta' l-evalwazzjoni.

Għal kull waħda mill-prestazzjonijiet tagħhom, l-esperti magħżulin għandhom jagħtu prova tar-rigorożità deontoloġika xierqa u b'mod partikolari għandhom jirrispettaw il-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni u tad-dokumenti li huma jiġu f'kuntatt magħhom. Għal dan il-għan, fil-kuntratt sejrin jiġu inklużi klawsoli speċifiċi.